**Ruling mogħti mill-President tal-Kamra l-Onor. Myriam Spiteri Debono fis-Seduta 54 tal-24 ta' April 1997 dwar Mozzjoni Privata mressqa minn Membru ieħor**

Id-Sedja rat l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tar-Rappreżentanti. Ikkunsidrat il-fatt illi f'dawn l-Ordnijiet Permanenti ix-xogħol ta' membri privati huwa msemmi biss fl-Ordni Permanenti 8 (2) u fl-Ordni Permanenti 17.

It-talba għal deċiżjoni mis-Sedja nqalgħet peress illi l-Onor. Eddie Fenech Adami li ta l-avviż tal-mozzjoni ma kienx fis-sala biex iressaqaha. In vista ta' dan ġie eżaminat l-Ordni Permanenti 33 li jgħid:

> 'Membru jista', jekk ikun hekk awtorizzat minn membru ieħor li ma jkunx dak il-ħin preżenti, jipposponi jew iressaq mozzjoni jew ordni tal-ġurnata fl-assenza tal-membru inkarigat minnu.'

Dan joħloq il-kwestjoni ta' awtorizzazzjoni, iżda l-Ordnijiet Permanenti ma jirregolawx kif inhi din l-awtorizzazzjoni. Irid jingħad li f'dawn iċ-ċirkostanzi s-Sedja rreferiet għall-*Erskine May* fejn jitkellem dwar mozzjonijiet. L-*Erskine May*, Edizzjoni 21, paġna 314, paragrafu 7, jgħid illi ħlief għal żewġ eċċezzjonijiet mozzjoni ma tistax tiġi mressqa ħlief mill-membru li f'ismu tidher. Iż-żewġ eċċezzjonijiet huma:

(a) Il-membru tal-Gvern jista' jaġixxi għan-nom ta' kollega fl-istadji kollha; u

(b) f'mozzjonijiet f'isem Chairman jew membri ta' Kumitat ta' Għażla għar-rigward tal-kompożizzjoni ta' dak il-kumitat.

Fil-fatti ta' quddiem is-Sedja illum dawn iż-żewġ każi ma jirriżultawx.

L-istess *Erskine May* f'paġna 324, jittratta dwar tibdil fil-termini ta' avviż ta' mozzjoni, u jgħid it-termini ta' avviż ta' mozzjoni li qiegħed fuq in-*notice paper* jista' jinbidel jekk l-avviż kif emendat ma jeċċedix l-iskop tal-avviż oriġinali u l-Ispeaker jiddeċiedi li huwa approprju li l-mozzjoni tiġi mressqa fil-forma alterata. Fil-każ odjern ma saret ebda talba biex b'xi mod ikun hemm xi tibdil fil-mozzjoni kif oriġinarjament imressqa u għaldaqstant il-Kamra trid timxi fuq ir-regola illi mozzjoni għandha titressaq mill-membru li ta l-avviż tagħha u bl-eċċezzjoni biss kif elenkat hawn fuq.